il-Gżejjer

L-erbatax-il sena

Nru. 3/85

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA LIBRARY

# IL-PRINĊIPJU TAT-TAGĦLIM B'XEJN GĦAL KULĦADD INTREBAĦ GĦAL DEJJEM

**Nhar is-Sibt 27 ta' April 1985 tħabbar li kien intlaħaq ftehim bejn id-Delegazzjoni tal-Gvern Malti u dik tas-Santa Sede dwar l-applikazzjoni gradwali għat-tagħlim b'xejn fl-iskejjel sekondarji tal-Knisja.**

**Il-ftehim jinkludi wkoll li għandu jkun hemm Kummissjoni Mħallta miż-żewġ naħat biex tibda l-istudji ta' ħwejjeġ oħra li jinteressaw ir-relazzjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat; u kif ukoll il-ħatra ta' Nunzju Appostoliku għal Malta.**

It-taħditiet f'Ruma saru bejn id-Deputat Prim Ministru Anzjan Dr Joseph Cassar flimkien mal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Dr Alex Sceberras Trigona u l-Arċisqof Mons. Achille Silvestrini, Segretarju tal-Kunsill tal-Vatikan għall-Affarijiet Pubbliċi flimkien ma' l-Arcisqof ta' Malta Mons Giuseppe Mercieca.

Id-Delegazzjoni tal-Gvern Malti kienet tinkludi lill-Ambaxxatur Malti għall-Vatikan, it-Tabib Paul Farrugia u lis-Sur Godwin Pulis mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Id-Delegazzjoni immexxija mill-Arċisqof Mercieca kienet iffurmata mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Cauchi, il-Kap tas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika Fr Charles Caruana S.J., is-Sur Louis Galea, Konsulent Finanzjarju, u Fr Joe Magro, Segretarju ta' l-Arċisqof. Iż-żewġ Delegazzjonijiet kienu akkumpanjati minn Mons. Francesco Canalini, Charge d'Affaires tal-Vatikan f'Malta.

**Il-laqgħa bejn id-Delegazzjoni tas-Santa Sede u dik tal-Gvern Malti li kienet saret f'Kastilja nhar it-Tnejn 1 ta' April.**



# IL-FTEHIM

Fi tmiem it-taħditiet li saru f'Malta u fil-Vatikan, id-Delegazzjonijiet tas-Santa Sede u tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta laħqu ftehim nhar is-27 ta' April, 1985 fuq dawn il-punti li ġejjin dwar il-kwistjoni ta' l-Iskejjel tal-Knisja:

1. Huwa maħsub, skond kif indikat hawn taħt, li d-dħul fl-Iskejjel Sekondarji tal-Knisja isir permezz ta' Eżami Nazzjonali, immexxi flimkien mill-Istat u l-Istituzzjonijiet Edukattivi Kattoliċi. Qabel l-eżami il-ġenituri tal-kandidati jindikaw f'liema skejjel jixtiequ jibgħatu l-uliedhom skond l-ordni tal-preferenza.

2. L-istudenti li fil-preżent jattendu l-Iskejjel Primarji tal-Knisja ma jiġux mitluba joqgħodu għall-Eżami Nazzjonali u jkollhom il-fakultà li jgħaddu għal-livell sekondarju ta' l-istess skola li huma miktubin fiha bħalissa, bil-patt li n-numru globali ta' l-istudenti ta' l-iskejjel primarji u sekondarji tal-Knisja ma jaqbiżx in-numru ta' dawk irreġistrati fl-1 ta' Jannar, 1985.

3. Jekk sussegwentement jintlaħaq ftehim dwar il-kriterji għad-dħul fl-Iskejjel Primarji tal-Knisja, l-obbligu ta' l-Eżami Nazzjonali għas-sekondarji ma jkunx meħtieġ aktar. Mill-aktar fis jitkompla x-xogħol tal-Kummissjoni Teknika bilaterali biex jiġi eżaminat il-Pjan ta' Razzjonalizzazzjoni ta' l-Iskejjel tal-Knisja.

4. Minn Settembru 1985 is-6th Form (l-ewwel u t-tieni sena), Form 5 u Form 4 ta' l-Iskejjel Sekondarji jkunu b'xejn. F'Settembru 1986 issir b'xejn Form 3, u nibqgħu sejrin hekk sa Settembru, 1988 meta anke Form 1 issir b'xejn. Għaldaqstant, minn Settembru 1988 jibda japplika l-Eżami Nazzjonali, b'eċċezzjoni għal dak li hemm previst f'paragrafu 2.

5. F'dawk il-klassijiet li fis-snin imsemmija ma jkunux saru b'xejn — kif ukoll għall-Iskejjel Primarji u tal-Kindergarten tal-Knisja — dawk li jmexxu dawn l-iskejjel ikunu jistgħu jitolbu l-miżati stabbiliti skond ir-regolamenti tagħhom.

6. Il-Knisja hija awtorizzata li tagħmel ġbir mingħand il-fidili biex tiżvolġi l-attivitajiet edukattivi tagħha.

7. Twaqqfet Kummissjoni Indaqs bejn iż-żewġ naħat bil-mandat — li għandu jiġi konkluż sal-31 ta' Jannar, 1986 — li:
   - Tifli l-proprjetà tal-Knisja u tara f'hiex tikkonsisti;
   - tissuġġerixxi iż-żmien u l-metodi għall-użu aħjar tal-proprjetà tal-Knisja li tkun disponibbli gradatament, billi jiġu mħarsa r-regolamenti tal-Liġi Kanonika;
   - tagħti indikazzjoni dwar il-kontribut li l-Knisja tista' tagħti għall-iskejjel tagħha;
   - teżamina il-qagħda finanzjarja annwali tal-istess skejjel filwaqt li tagħmel osservazzjonijiet u proposti;
   - fuq il-bażi tal-impenn dikjarat min-naħa tal-Gvern li jikkontribwixxi għall-iffinanzjar ta' l-iskejjel, tindika l-ammont tal-kwota tal-parteċipazzjoni ta' l-Istat, inkluża wkoll is-sena skolastika 1985/1986.

8. Jkunu salvagwardati l-identità ta' l-Iskejjel Kattoliċi u tat-tagħlim tagħhom kif ukoll l-awtonomija ta' l-organizzazzjoni u t-tmexxija tagħhom filwaqt li jiġu mħarsa r-regolamenti ġenerali previsti fil-Liġi ta' l-Istat għall-Edukazzjoni.

Il-Vatikan, 27 ta' April, 1985.

| Għas-Santa Sede | Għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta |
|---|---|
| Achille Silvestrini | J. Cassar, Deputat Prim Ministru |
| Giuseppe Mercieca | Alex Sceberras Trigona |
| Nicola G. Cauchi | P. Farrugia, Ambaxxatur għas-Santa Sede |

Id-delegazzjonijiet tas-Santa Sede u tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta, wara dak li ġie miftiehem fis-27 ta' April, 1985 jaqblu li Kummissjoni Mħallta tibda l-istudju tal-punti l-oħra li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet bejn Stat u Knisja.

Iż-żewġ delegazzjonijiet qablu wkoll li huwa opportun li n-Nunzjatura f'Malta jkollha mill-aktar fis possibbli Kap Titulari tal-Missjoni, bin-nomina ta' Nunzju Appostoliku.

Belt tal-Vatikan, 27 ta' April, 1985.

| Għas-Santa Sede | Għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta |
|---|---|
| Achille Silvestrini | J. Cassar, Deputat Prim Ministru |
| | Alex Sceberras Trigona, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin |
| | P. Farrugia, Ambaxxatur għas-Santa Sede |

**Nhar it-Tnejn, 6 ta' Mejju, il-Prim Ministru Dr Karmenu Mifsud Bonnici għamel stqarrija fil-Parlament li fiha ta d-dettalji kollha dwar il-Ftehim milħuq bejn il-Gvern Malti u s-Santa Sede.**



"Fis-27 ta' April intlaħaq ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u s-Santa Sede dwar l-iskejjel tal-Knisja kif ukoll dwar l-insistenza tal-Gvern Malti biex ikun hemm negozjati li jwasslu għal ftehim ġenerali jew konkordat bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede. U billi se nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim milħuq kemm dwar l-iskejjel tal-Knisja kif ukoll dwar in-negozjati tal-konkordat, nieħu din l-okkażjoni biex insemmi xi punti illi nħoss li huma relevanti u importanti li wieħed isemmihom.

Il-Kamra taf illi l-Gvern Malti ilu issa numru ta' snin jinsisti biex jiġi aċċettat f'Malta u mwettaq il-prinċipju tat-tagħlim b'xejn fl-iskejjel privati, inklużi l-iskejjel tal-Knisja. U l-Gvern mill-ewwel iddikjara illi din ir-riforma hi kbira u li għax hija kbira ma tistax titwettaq f'daqqa, iżda trid titwettaq gradwalment matul medda ta' snin. Il-Gvern insista illi din ir-riforma tibda titwettaq fil-qasam tat-tagħlim sekondarju; u saret mill-ewwel insistenza ma' l-awtoritajiet ta' l-iskejjel privati hawn Malta biex l-iskejjel sekondarji privati jkunu b'xejn għal kulħadd.

Fin-negozjati illi l-Gvern kellu mas-Santa Sede mill-ewwel deher illi l-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta ma kenux f'pożizzjoni li jaċċettaw illi anke għar-rigward ta' l-iskejjel sekondarji tal-Knisja l-prinċipju jitwettaq, mill-ewwel f'daqqa fl-iskejjel kollha. U fin-negozjati li l-Gvern Malti kellu mas-Santa Sede s-sena l-oħra l-Gvern Malti kien għamel tiegħu suġġeriment, proposta, li kienet ġiet min-naħa tas-Santa Sede biex din ir-riforma, it-tagħlim b'xejn fl-iskejjel sekondarji tal-Knisja, tidħol gradwalment u l-Gvern dak inhar kien issuġġerixxa illi din ir-riforma tibda fi tmien skejjel mid-19-il skola sekondarja illi l-Knisja għandha f'Malta.

Din il-proposta ma kenitx aċċettata u ġara dak li l-Kamra u l-poplu Malti jaf, dak li ġara s-sena l-oħra f'din l-inizjattiva illi l-Gvern ħa biex din ir-riforma tidħol f'pajjiżna.

Fl-14 ta' Novembru tas-sena l-oħra l-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta kienu ddeċidew illi għal sena, proviżorjament, bħala esperiment jagħmlu l-iskejjel kollha tal-Knisja b'xejn, jiġifieri l-iskejjel sekondarji, l-iskejjel primarji u anke l-iskejjel tal-kindergarten. Dan kellu jkun arranġament proviżorju ta' sena u l-Knisja kellha tfittex kif iżżomm dawn l-iskejjel b'mezzi straordinarji. Fil-bidu ta' din is-sena fuq insistenza tal-Gvern Malti, tkomplew in-negozjati mas-Santa Sede ħalli dak li kien sar proviżorjament isir fuq bażi permanenti, jiġifieri t-twettiq tal-prinċipju tat-tagħlim b'xejn. U l-Gvern Soċjalista baqa' koerenti mat-talbiet illi kien għamel qabel, jiġifieri illi l-ewwel irridu naraw illi din ir-riforma titwettaq fil-qasam sekondarju.

**"Il-Gvern mill-ewwel kien iddikjara illi din ir-riforma hi kbira u li għax hija kbira ma tistax titwettaq f'daqqa, iżda trid titwettaq gradwalment."**

**Bi ftehim li ntlaħaq fis-27 ta' April ġie aċċettat miż-żewġ naħat illi din ir-riforma titwettaq permanentement, titwettaq ukoll gradwalment. U ż-żewġ naħat aċċettaw illi t-tliet klassijiet l-iktar għoljin ta' l-iskejjel sekondarji tal-Knisja kollha, id-19 li huma — mhux tat-8 biss kif il-Gvern kien issuġġerixxa u ppropona li jsir is-sena l-oħra — ikunu b'xejn għall-istudenti kollha. U ż-żewġ naħat ftehmu illi din ir-riforma tkun tapplika immedjatament minn Settembru ta' din is-sena għas-Sixth Form l-ewwel u t-tieni sena; għal Form V u Form IV. F'Settembru tas-sena d-dieħla tiżdied Form III, f'Settembru ta' wara tiżdied Form II u f'Settembru ta' wara l-klassijiet kollha ta' l-iskejjel sekondarji kollha jkunu b'xejn!**

> **"Ġie wkoll miftiehem li għandha titwaqqaf Kummissjoni Mħallta ħalli jiġu mistħarrġa l-punti kollha li għandhom x'jaqsmu fir-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-Knisja f'Malta bl-iskop li din il-Kummissjoni tissuġġerixxi ftehim ġenerali jew Konkordat."**

Ġie miftiehem, ġie aċċettat miż-żewġ naħat, illi dawk l-istudenti illi llum, jew jiġifieri fl-1 ta' Jannar ta' din is-sena, kienu fil-klassijiet primarji ta' l-istess skejjel illi għandhom klassijiet sekondarji, dawn, biex ma jiġux disturbati, jistgħu jibqgħu għaddejjin mill-klassijiet primarji għall-klassijiet sekondarji skond id-drawwa u l-prattika li kienet tintuża qabel; jiġifieri fejn hemm eżamijiet japplikaw dawk l-eżamijiet ta' l-iskola, u fejn hemm metodu ieħor ta' ammissjoni jibqa' japplika dan il-metodu.

Iżda iż-żewġ naħat aċċettaw, qablu, illi tfal, studenti, illi se jidħlu fl-iskejjel primarji tal-Knisja, anke f'dawk illi għandhom klassijiet sekondarji, dawn ma jkollhomx id-dritt u ma jkunux jistgħu jibqgħu għaddejjin, jew jidħlu fil-klassijiet sekondarji ta' l-iskejjel tal-Knisja jekk ma jissottomettux ruħhom, joqogħdu għall-eżami illi — qabel kien jissejjaħ 'common entrance examination', fil-ftehim, huwa msemmi bħala Eżami Nazzjonali — li jsir kemm mir-rappreżentanti tal-Gvern kif ukoll mir-rappreżentanti ta' l-iskejjel tal-Knisja. Għalhekk is-suġġeriment illi kien għamel il-Gvern illi jkun hemm 'common entrance examination', jew issa kif ġie msejjaħ Eżami Nazzjonali, ġie issa miftiehem u jibda japplika għat-tfal li deħlin issa fil-klassijiet primarji ta' l-iskejjel tal-Knisja meta dawn jispiċċaw l-istudji tagħhom f''year' 6; u għat-tfal l-oħra, studenti oħra, illi jkunu jridu jidħlu fl-iskejjel tal-Knisja wara illi l-ewwel klassi, Form I ta' l-iskejjel sekondarji tal-Knisja tkun anke b'xejn, għal dawk l-istudenti li ma jkunux jattendu dawk l-iskejjel imma li jkunu jixtiequ illi l-iskola sekondarja tagħhom tkun dik privata, tkun waħda mill-iskejjel tal-Knisja, allura f'dak il-każ in-'national examination' jibda japplika anke qabel ma jibda japplika għal dawk l-istudenti illi deħlin minn din is-sena il-ewwel klassijiet ta' l-iskejjel privati tal-Knisja.

**Ġie wkoll miftiehem miż-żewġ naħat illi l-proprjetà kollha tal-Knisja, mhux biss l-introjti li l-Knisja għandha llum imma l-konsistenza tal-proprjetà tal-Knisja, tiġi eżaminata minn kummissjoni mħallta, magħmula kemm mir-rappreżentanti tal-Knisja kif ukoll mir-rappreżentanti tal-Gvern, jiġu eżaminati l-kontijiet tad-diversi skejjel, jiġi misjub x'tista' tikkontribwixxi l-Knisja għall-edukazzjoni fl-iskejjel tagħha, jiġi wkoll indikat x'użu aħjar jista' jsir minn din il-proprjetà tal-Knisja u anke jiġi muri x'għandu jkun il-kontribut tal-Gvern għal dawn l-iskejjel tal-Knisja kemm-il darba jinstab li hemm każ li tingħata għajnuna mill-Gvern biex l-ispejjeż ikunu jistgħu jiġu kollha milħuqa.**

Din il-kummissjoni hija mistennija illi tagħmel ix-xogħol tagħha sa Jannar tas-sena d-dieħla.

Ġie wkoll miftiehem illi — u din ħaġa illi l-Gvern ma kien qatt isib ebda diffikultà għaliha — l-identità ta' l-iskejjel tal-Knisja tibqa' mħarsa, li wkoll l-awtonomija tat-tagħlim kif ukoll l-awtonomija tal-management, funzjonament, it-tmexxija ta' dawn l-iskejjel tibqa' wkoll imħarsa — u kif għidt dawn ma kenux ħwejjeġ diffiċli għall-Gvern li jniżżilhom fi ftehim għax qatt ma kkontestahom! — però — u dan huwa rilevanti li jingħad — dejjem waqt li jiġu mħarsa u rispettati l-provvedimenti ġenerali li hemm fil-liġi ta' Malta u partikolarment il-Liġi ta' l-Edukazzjoni. Jiġifieri l-provvedimenti tal-liġi għandhom jiġu mħarsa għal kollox minn dawn l-iskejjel.

Barra dan ġie wkoll miftiehem li t-taħditiet li kienu qed isiru f'livell tekniku bejn ir-rappreżentanti ta' l-iskejjel tal-Knisja u rappreżentanti tal-Gvern tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni dwar razzjonalizzazzjoni jew riorganizzazzjoni ta' l-iskejjel l-oħra tal-Knisja jibqgħu jsiru anzi jitkomplew mill-iktar fis.

**Barra dan ġie wkoll miftiehem bejn id-delegazzjoni tal-Gvern Malti u d-delegazzjoni tas-Santa Sede li għandha titwaqqaf Kummissjoni Mħallta ħalli jiġu**

**mistħarrġa l-punti kollha li għandhom x'jaqsmu fir-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-Knisja f'Malta bl-iskop li din il-Kummissjoni tissuġġerixxi ftehim ġenerali fuq dawn il-punti kollha, jew kif il-Gvern ilu jinsisti, Konkordat bejn l-Istat ta' Malta u s-Santa Sede.**

Minn dan il-ftehim li ntlaħaq fis-27 ta' April ta' din is-sena, wieħed jista' jara li għar-rigward tat-twettiq tal-prinċipju tat-tagħlim b'xejn fl-iskejjel sekondarji, il-ftehim huwa ċar, il-ftehim huwa ta' natura permanenti u l-ftehim huwa irriversibbli: ma nistgħu immorru lura, la għax irridu u lanqas għax hemm lok li wieħed imur lura fuq dan il-ftehim!

**Għalkemm it-tilwima dwar din ir-riforma kienet twila u iebsa, issa li ntlaħaq ftehim, allura wieħed għandu jinsa l-ħruxija tat-tilwima biex ma ngħidx tal-ġlieda, u wieħed għandu jħares biex dan il-ftehim jitwettaq bl-istess rieda tajba li kkaratterizzat in-negozjati biex dan il-ftehim jintlaħaq.**

Jiena nixtieq għan-nom tal-Gvern, nirringrazzja lil kull min għen biex dan il-ftehim jintlaħaq partikolarment nixtieq nirringrazzja lil ħabib tiegħi, id-Deputat Prim Ministru Ġużè Cassar għall-isforzi li għamel biex jiġi finalizzat dan il-ftehim. Ma nistax ninsa wkoll l-Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede, it-Tabib Pawlu Farrugia li ħadem għal ħafna żmien biex dan il-ftehim jista' jseħħ, u wkoll lil sieħbi l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin li dejjem ħa parti fin-negozjati twal u iebsin li kellhom isiru biex dan il-ftehim jintlaħaq.

**Qabel ma nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-Ftehim, nixtieq li ngħid illi hekk kif riforma kbira bħal din konna kapaċi nibdew inwettquha u naslu bi tbatija, imma naslu fi ftehim, biex tiġi aċċettata minn kulħadd, hekk ukoll nispera li riformi oħra li l-Gvern Soċjalista beħsiebu jintroduċi f'oqsma oħra imma li l-Knisja għandha x'taqsam magħhom, dawn ir-riformi, xorta waħda jidħlu bi tbatija imma li jidħlu bi ftehim mingħajr forsi l-ħtieġa li ngħaddu mill-kalvarju li għaddejna din id-darba. Nispera li dan iseħħ, però nixtieq ukoll niddikjara li l-istess determinazzjoni, l-istess ukoll rieda tajba li wrejna f'din il-kwistjoni, beħsiebna nuruhom ukoll f'kull riforma li l-Gvern Soċjalista jħoss li huwa fl-interess tal-poplu Malti kollu li jintroduċi.".**

# Wara li temm l-Istqarrija tiegħu, il-Prim Ministru Dr Karmenu Mifsud Bonnici wieġeb għal għadd ta' domandi li sarulu mill-Oppożizzjoni:

**L-ewwel domanda li saret kienet jekk dan il-Ftehim hux kondizzjonat għall-ftehim li jrid jintlaħaq mill-Kummissjoni li se teżamina l-proprjetà tal-Knisja.**

**Il-Prim Ministru**: "Ir-risposta għal din id-domanda hija fin-negattiv. Dan il-ftehim jibda jseħħ minn Settembru ta' din is-sena u indipendentement minn dak li jirriżulta mill-Kummissjoni msemmija dan il-ftehim se jibqa' jseħħ b'mod li l-Gvern jibqa' jżomm li l-iskejjel tal-Knisja jingħataw liċenzja kemm-il darba dan il-ftehim jiġi onorat mill-iskejjel tal-Knisja.

L-iskop ta' din il-Kummissjoni huwa li tinstab x'inhi l-konsistenza tal-proprjetà tal-Knisja; l-ewwel ħaġa li l-Gvern dejjem iddikjara li għandu jiġi stabbilit u li dejjem insista li biex ikun ġustifikat li flus il-poplu jintużaw għall-iskejjel tal-Knisja, jekk ikun il-każ, il-poplu jrid ikun sodisfatt li veru hemm il-ħtieġa ta' dan.

Il-Gvern, min-naħa tiegħu, ma jarax, illi hemm din il-ħtieġa. U għalhekk qabel ma din il-ħtieġa tiġi pprovata għas-sodisfazzjon tal-Gvern, il-Gvern ma jistax jintrabat li jikkontribwixxi, u kemm jikkontribwixxi!

Il-Kummissjoni, waħda mill-iskopijiet tagħha, trid tittrata:

"... della proprietà ecclesiastica prendendo atto della sua consistenza.".

Mela kull ħaġa illi l-Knisja tippretendi li hija parti mill-proprjetà ekkleżjastika, dik il-ħaġa tidħol fil-konsistenza ta' din il-proprjetà. Jekk il-Knisja ma tippretendix illi oġġett jifforma parti mill-proprjetà ekkleżjastika dak l-oġġett jew dik il-ħaġa ma tidħolx fil-proprjetà ekkleżjastika."

**It-tieni domanda li saret kienet dwar l-impenn iddikjarat tal-Gvern illi jikkontribwixxi jekk jinstab li hemm il-ħtieġa u jekk dan hux se jsir mill-Fond Konsolidat skond l-emenda li saret mill-Oppożizzjoni.**

**Il-Prim Ministru**: "Nista' niddikjara illi mhux se jiġi segwit is-suġġeriment li sar min-naħa ta' l-Oppożizzjoni għaliex wieħed l-ewwel irid jara jekk hemmx il-ħtieġa ta' dan il-kontribut. Infak-

kar illi l-Knisja minn dejjem kellha d-dritt — u dan ġie aċċettat anke bil-kitba skond ma jirriżulta mill-minuti miftehma miż-żewġ naħat bejn il-Gvern u s-Santa Sede tan-negozjati li saru — illi l-Knisja dejjem kellha d-dritt li tagħmel ġbir mingħand il-fidili għad-differenza ta' mingħand il-ġenituri tat-tfal li jmorru l-iskejjel tagħha. U dak li ġie miftiehem f'dan il-ftehim! U jien nispera li dawk li jinsistu li bħala ġenituri għandhom dritt jagħtu kontribuzzjonijiet, jifhmu wkoll li jekk huma ġenituri huma wkoll fidili u jekk għandhom id-dritt jagħtu l-kontribuzzjonijiet bħala ġenituri għandhom forsi aktar dmir li jagħtu l-kontribuzzjonijiet bħala fidili, jekk verament huma fidili."

**It-tielet domanda kienet kif il-Knisja se tingħata s-setgħa biex tagħmel dan il-ġbir mingħand il-fidili.**

**Il-Prim Ministru**: "L-ewwelnett din mhix xi ħaġa ġdida għaliex safejn naf jien — u ma naħsibx li jiena skorrett fuq dan li se ngħid — il-Knisja tagħmel ġbir regolarment kuljum, kull ġimgħa, kull xahar, kull sena. Din għamlet għall-iskop ta' l-iskejjel anke ġbir matul is-sena stess u qed tagħmel issa u allura m'hemm ebda diffikultà taħt liema liġi partikolari dan il-ġbir se jsir. Jekk hemm xi affarijiet li għandhom jiġu ċċarati m'hemm ebda kwistjoni li dawn l-affarijiet jistgħu jiġu ċċarati, imma l-fatt tal-ġbir la qatt kien hemm ostakolu għalih u lanqas se jkun hemm ostakolu għalih sakemm il-ġbir jibqa' jsir mill-fidili u mhux mill-ġenituri ta' dawk it-tfal li l-Knisja intrabtet li ma teħdilhomx flus fl-ebda forma għal tagħlim li qed tagħtihom fil-klassijiet ta' l-iskejjel sekondarji tagħha."

**Ir-raba' domanda kienet dwar jekk dan il-ftehim japplikax għall-iskejjel privati oħra jew inkella jekk humiex qed isiru negozjati jew diskussjonijiet dwar skejjel privati oħra.**

**Il-Prim Ministru**: " L-ewwelnett nista' ngħid li saru diskussjonijiet ma' skejjel privati oħra. Għad iridu jsiru diskussjonijiet ma' dawn l-iskejjel li talbu u ssottomettew applikazzjonijiet għall-liċenzja għas-sena d-dieħla. Però nista' ngħid li ċ-ċirkostanzi ta' l-iskejjel privati l-oħra m'humiex neċessarjament ċ-ċirkostanzi ta' l-iskejjel privati tal-Knisja u allura l-Gvern ma jħossx li l-arranġament li ntlaħaq dwar l-iskejjel tal-Knisja neċessarjament għandu jiġi applikat ukoll għall-iskejjel privati l-oħra. Però kif qed ngħid id-diskussjonijiet għad iridu jsiru u nispera li jsiru f'qasir żmien u anke jkun hemm tmiem għalihom f'qasir żmien."

**Domanda oħra kienet dwar jekk għandhiex tingħata priorità dwar il-kummissjoni teknika.**

**Il-Prim Ministru**: "Nista' ngħid li dwar il-kummissjoni teknika li trid tagħmel riorganizzazzjoni jew razzjonalizzazzjoni ta' l-iskejjel primarji tal-Knisja, strettament il-Gvern m'għandux jidħol fiha! Jekk hemm lok ta' razzjonalizzazzjoni jew riorganizzazzjoni, ħadd ma żamm il-Knisja li din ir-razzjonalizzazzjoni jew riorganizzazzjoni tagħmilha jew imissha għamlitha żmien ilu. Jekk hemm il-ħtieġa, il-ħtieġa jmissha nħasset minnha u ħadd ma żammha biex tagħmilha.

Dwar l-ammissjoni tat-tfal f'dawn l-iskejjel, in-naħa tal-Gvern jidhrilha li jekk ma jiġix eliminat l-ostakolu prinċipali li huwa li l-ammissjoni fil-klassijiet primarji tal-Knisja huma bbażati fuq id-distinzjoni soċjali ta' min jista' jħallas u min ma jistax, allura m'hemmx kwestjoni li dak li ġie miftiehem dwar l-ammissjoni fil-klassijiet sekondarji tal-Knisja jsir skond il-ftehim, inkella l-Gvern ikollu bilfors ma jippermettix li l-iskejjel sekondarji tal-Knisja jiffunzjonaw jekk mhux skond ma' dak li ġie miftiehem.

Allura l-kwestjoni tal-priorità tax-xogħol ta' din il-Kummissjoni jiddependi minn dawn l-iskejjel stess u ma nkun qed niżvela ebda sigriet li ngħid li d-diffikultajiet li hemm biex issir din ir-razzjonalizzazzjoni u riorganizzazzjoni, mhux qed jagħmilhom il-Gvern imma qed jagħmluhom l-iskejjel bejniethom u għadhom ma sabux mod kif jiftehmu kif jagħmlu din ir-riorganizzazzjoni jew razzjonalizzazzjoni."

**Is-sitt domanda li saret hija dwar ir-referenza li saret għall-ftehim ġenerali jew konkordat, jekk ġewx individwati l-punti li hemm u li fuqhom għandu jkun hemm negozjati u ftehim.**

**Il-Prim Ministru**: "Nista' ngħid li fid-diskussjonijiet ġew imsemmija diversi punti, kemm min-naħa u kemm min-naħa oħra, jiġifieri kemm min-naħa tal-Gvern kif ukoll min-naħa tas-Santa Sede,

---

**"Il-ġbir li tagħmel il-Knisja la qatt kien hemm ostakolu għalih u lanqas se jkun hemm ostakolu għalih sakemm il-ġbir jibqa' isir mill-fidili u mhux mill-ġenituri ta' dawk it-tfal li l-Knisja intrabtet li ma teħdilhomx flus bl-ebda forma għat-tagħlim li qed tagħtihom fil-klassijiet ta' l-iskejjel sekondarji."**

---

kif ukoll anke f'korrispondenza li għaddiet bejn is-Santa Sede u l-Gvern, ġew imsemmija diversi punti li jimmeritaw li jiġu ttrattati u li dwarhom nisperaw li jintlaħaq ftehim.

Dwar it-tfal fl-iskejjel, se ngħid x'inhi l-pożizzjoni biex inkopri kemm tfal fil-klassijiet primarji kif ukoll tfal fil-klassijiet sekondarji.

> **"Il-Gvern ma jħossx li l-arranġament li ntlaħaq dwar l-iskejjel tal-Knisja neċessarjament għandu jiġi applikat ukoll għall-iskejjel privati l-oħra. Id-diskussjonijiet għad iridu jsiru u nispera li jsiru f'qasir żmien u anke jkun hemm tmiem għalihom f'qasir żmien."**

L-ewwelnett, it-tfal fil-klassijiet sekondarji mhumiex milquta ħlief li se jiġu benefikati l-ġenituri tagħhom għax it-tagħlim tagħhom se jkun b'xejn! U għalkemm il-Gvern ma jistenna ebda ringrazzjament għal dan, però xorta waħda il-Gvern jiftaħar illi minkejja l-oppożizzjoni u anke l-ingratitudni tal-ġenituri, forsi għax ma rawx l-affarijiet ċari, opponew din ir-riforma, xorta waħda l-Gvern baqa' jinsisti li din ir-riforma għandha titwettaq minkejja wkoll l-oppożizzjoni ta' dawk li immedjatament l-iktar li se jibbenefikaw minn din ir-riforma. Skond ma sar fil-ftehim, it-tfal fil-klassijiet sekondarji qatt ma jiġu effettwati mill-eżami nazzjonali jew mill-'common entrance examination', bħat-tfal fil-klassijiet primarji li fl-1 ta' Jannar ta' din is-sena kienu diġa' jinstabu fil-klassijiet primarji. Allura dawn it-tfal l-istess se jiġi permess lilhom li jgħaddu fil-klassijiet sekondarji ta' l-istess skola tagħhom mingħajr ma joqogħdu għall-eżami nazzjonali, joqogħdu għal metodu ta' ammissjoni, li llum japplika, jew għall-eżamijiet li llum japplikaw.

Għal dawk it-tfal li deħlin din is-sena f'xi waħda mill-klassijiet primarji ta' l-iskejjel tal-Knisja, allura dawn meta jibda jsir l-eżami nazzjonali, jiġifieri meta l-ewwel klassi, Form 1 ta' l-iskejjel sekondarji, tkun b'xejn ukoll, allura dawn joqogħdu għall-eżami nazzjonali u jikkonkorru ma' dawk it-tfal li llum, biex jidħlu fl-iskejjel sekondarji tal-Knisja, jridu joqogħdu għal dak illi jissejjaħ ukoll 'common entrance examination', isir abbażi kompetittiv jew kwalifikattiv biss, imma jsir eżami mhux miżmum mill-Gvern u mill-iskejjel, imma jsir minn tmien skejjel li llum, jekk wieħed iqalleb fil-gazzetti ta' llum, isib avviż tiegħu. Isir 'a common entrance examination' minkejja l-kritika li dejjem saret inġustament kontra din l-idea.

Anke l-iskejjel privati jagħmlu 'a common entrance examination', u ħadd ma jgerger li allura dawn it-tfal se jiġu diskriminati bejn dawk li huma kapaċi u dawk li mhumiex kapaċi jgħaddu minn dan l-eżami, — isir dak l-eżami!

Jiġifieri dawk it-tfal li deħlin din is-sena fil-klassijiet primarji ta' l-iskejjel tal-Knisja, meta l-ewwel sena tal-iskejjel sekondarji tkun b'xejn, allura dawk ukoll jissottomettu ruħhom għal dan l-eżami biex ikunu jistgħu jidħlu fil-klassijiet sekondarji ta' l-iskejjel tal-Knisja.

## DOMANDI OĦRA

Issa niġi għad-domandi l-oħra. L-ewwel domanda kienet jekk l-eżami huwiex kwalifikattiv jew inkella kompetittiv. Iktar milli wieħed jagħmillu tikketta jew igħid jekk hux hekk jew hekk, l-ewwel nifhmu x'irridu ngħidu b'dan l-eżami, imbagħad inlibbsuh il-libsa li tixraqlu.

L-eżami li jsir għall-'entrance' fil-Junior Lyceum, li hu l-bażi u se jkun il-bażi ta' dan l-eżami nazzjonali, tant li fil-bidu ta' din is-sena, meta kienu qed jiġu diskussi s-sillabi komuni ta' l-iskejjel tal-Gvern u ta' l-iskejjel privati kien miftiehem li dak għandu jkun il-bażi ta' dawk is-sillabi. Dan l-eżami kull min jikkwalifika, igħaddi, jsib post fil-Junior Lyceum tal-Gvern. Issa jekk u meta jsir l-eżami nazzjonali, kull min jikkwalifika dan l-eżami, jrid isib post jew fl-iskejjel Junior Lyceum tal-Gvern jew inkella fl-iskejjel tal-Knisja. Kull min igħaddi minn dan l-eżami. U allura filwaqt li tista ssejjaħlu kwalifikattiv hemm ukoll l-element ta' kompetizzjoni għaliex l-iskejjel, in-numru ta' postijiet f'kull skola huwa limitat. Mela jekk hemm 100 per eżempju, li jikkwalifikaw f'dan l-eżami, u dawn il-mija kollha jagħżlu skola privata X, imma l-postijiet f'din l-iskola X huma 50 biss, irid wieħed jagħmel għażla bejn min minn dawn il-100 se jkun ammess għal dawn biex jimla' dawn il-50 post fl-iskola partikolari! U allura l-għażla s'issa ma ġietx determinata kif issir imma loġikament wieħed jifhem li jingħataw preferenzi lil dawk li jkunu l-iktar kwalifikati, li l-iktar jottjenu punti f'dan l-eżami.

Wara kollox dan huwa s-sistema li jintuża kullimkien, anke llum fl-iskejjel privati. Meta jagħmlu l-'common entrance examination' dawn it-tmien skejjel privati jkun hemm numru ta' tfal li joqogħdu għalih u l-postijiet f'ħafna mill-iskejjel huma waħdiet, limitati, għax apparti l-Iskola ta' Sant'Agatha u ż-żewġ Seminarji, anzi Seminarju wieħed għax is-Seminarju ta' Malta għandu Prep 6, allura t-tfal tagħhom, it-tfal ta' din il-klassi Prep 6 jimlew fil-maġġoranza tagħhom il-postijiet ta' Form I tas-Semi-

narju ta' Malta. Fil-każ ta' Għawdex l-'entrance' jkun direttament għax m'hemmx 'primary class'.

Mela ħlief Sant'Agatha tar-Rabat u s-Seminarju ta' Għawdex l-oħrajn għandhom biss waħdiet li jistgħu jammettu Form I minn barra: barra dawk it-tfal li għandhom fil-primary classes. U jekk f'dan l-eżami n-numru ta' tfal li jixtieq− jidħlu fl-iskola huwa ikbar minn postijiet f'dik l-iskola dawk li jiġu iktar minn ta' quddiem jingħataw u jagħżlu dik l-iskola, jiġifieri jingħataw preferenza u jiġu ammessi biex jimlew dawk il-postijiet.

Id-domanda l-oħra li saret kienet dwar ir-riorganizzazzjoni. Jidhirli li din diġà tkellimt fuqha u għidt li din hija xi ħaġa li strettament tolqot l-iskejjel privati. Il-Gvern l-iktar li jinteressah huma żewġ punti. L-ewwel li jinteressah hu l-metodu ta' dħul f'dawn il-klassijiet primarji u jekk il-metodu ma jkunx ċar li ma jkun hemm l-ebda element ta' distinzjoni soċjali, jiġifieri bejn min jista' iħallas u min ma jistax iħallas, jew inkella xi preferenza li ssir minħabba parentela jew minħabba xi raġunijiet oħra; allura dan il-metodu għall-Gvern ma jkunx sodisfaċenti tali li jelimina l-ħtieġa ta' għażla oħra li trid issir mhux a bażi ta' distinzjoni soċjali tal-mezzi għad-dħul fil-klassijiet sekondarji.

Il-Gvern min-naħa tiegħu jixtieq ukoll jiddikjara li mhuwiex loġiku li wieħed jitkellem fuq l-iskejjel primarji qabel ma l-ewwel inkunu nafu eżatt x'inhi l-implimentazzjoni, it-twettiq tar-riforma, x'timporta t-twettiq tar-riforma fl-iskejjel sekondarji.

Il-Gvern dejjem insista li għalkemm l-għan finali tiegħu huwa li t-tagħlim kollu f'pajjiżna jkun b'xejn għal kulħadd, l-għan immedjat huwa l-qasam sekondarju. Għalhekk il-Gvern insista u rnexxielu jipperswadi lin-naħa l-oħra li huwa loġiku li l-ewwel għandu jwettaq din ir-riforma fil-qasam sekondarju u mbagħad wara wieħed jara meta u kif din ir-riforma tista' tiġi estiża — kif hija x-xewqa dikjarata mill-Gvern Malti — għal klassijiet kollha, għat-tagħlim kollu li jsir f'pajjiżna, għall-Maltin u l-Għawdxin.

L-aħħar domanda kienet dwar kif isir il-ħlas tal-Gvern min Ottubru ta' din is-sena.

Jiddispjaċini ngħid li l-parti l-oħra hija anzjuża li tara kif il-ħlas isir mill-poplu! L-ewwelnett diġà spjegajt li l-pożizzjoni tal-Gvern kienet, għadha u tibqa' li min iħoss li għandu jaqdi xi missjoni tiegħu li jgħallem lill-poplu, dan għandu jagħmlu billi jagħti kulma jista', juża r-riżorsi tiegħu, jagħmel użu mill-aħjar mezz tar-riżorsi kollha li għandu biex din il-missjoni jaqdiha!

Din tapplika, fl-opinjoni tal-Gvern, iktar minn ħaddieħor, għall-Knisja f'pajjiżna.

Il-Gvern jifhem li huwa dmir tal-Knisja li mir-riżorsi kbar li għandha talloka kemm tista' biex din l-attività li hija tħoss, u ħadt ma ċaħdilha li tagħmel f'Malta l-attività edukattiva, din tagħmilha mingħajr ma tkun piż addizzjonali fuq il-poplu. Dan inħoss li huwa l-ewwel ħaġa li wieħed għandu jiskopri, ifittex u jara jasalx li verament jista' jsir dan. U qabel ma l-kummissjoni allura teżamina l-affarijiet kollha m'hemmx lok li wieħed igħid kif se jsir dan il-ħlas.

Imma l-Gvern ma setax jaħrab mill-obbligu u ma riedx jaħrab mill-obbligu illi huwa dejjem qal li lest biex jaċċetta wara li ssir il-verifika — u verifika ġenwina, mhux sempliċiment pubblikazzjoni ta' kontijiet audited in parti jew m'humiex audited — dejjem qal u għadu jgħid illi l-Gvern jekk verament jinstab illi hemm lok ta' għajnuna li jagħti lill-iskejjel privati din l-għajnuna l-Gvern mhux se jaħrab li jagħtiha! U l-Gvern Soċjalista huwa ppreparat illi jekk verament ikun il-każ jispjega lill-poplu — u aħna ċerti li l-poplu dan jifhmu — il-ħtieġa li din l-għajnuna tingħata. Imma l-ewwel irid ikun persważ il-Gvern li din l-għajnuna għandha tingħata u ma nippretendux illi n-naħa ta' l-Oppożizzjoni għandha tinsisti biex flus il-poplu jingħataw u jintefqu f'mod jekk jinstab fl-aħħar illi m'hemmx għalfejn illi jintefqu b'dan il-mod flus il-poplu! Wara kollox wieħed jara illi din il-kwestjoni ġiet mifhuma bis-serjetà anke min-naħa l-oħra għax in-naħa l-oħra fehmet illi ma tagħmilx sens — in-naħa l-oħra qed ngħid għall-Knisja, mhux għall-Oppożizzjoni. Imma nispera illi anke jekk in-naħa l-oħra dan ma tammettihx pubblikament ħafna nies illi jappoġġaw lin-naħa l-oħra jifhmu dan li qed ngħid għalkemm forsi pubblikament ma jiddikjarawhx.

**In-naħa l-oħra, il-Knisja, fehmet illi biex tkun tista' tgħid lill-poplu illi għandu jingħata minn flus il-poplu għall-iskejjel tagħha jridu jsiru verifiki serji. U fil-Ftehim il-parti l-oħra aċċettat illi qabel ma wieħed jara x'inhu l-piż li wieħed jippretendi li l-poplu għandu jerfa' m'għandhiex in-naħa l-oħra żżid li tkabbar dan il-piż. U għalhekk hija aċċettat illi n-numru ta' tfal ta' l-istudenti fl-iskejjel tal-Knisja ma jiżdiedx ħalli l-ewwel wieħed ikun jaf x'inhu dan il-piż, imbagħad wieħed jirregola ruħu meta u skond il-piż, il-mezzi li jkollu."**

**"Il-Knisja fehmet illi biex tkun tista' tgħid lill-poplu illi għandu jingħata minn flus il-poplu għall-iskejjel tagħha, jridu l-ewwel jsiru verifiki serji."**

# Il-Prim Ministru jiltaqa' mar-Rappreżentanti tal-Komunità Maltija fl-Awstralja

**Il-Prim Ministru, Dr Karmenu Mifsud Bonnici, nhar it-Tnejn 15 ta' April kellu laqgħa fil-Berġa ta' Kastilja mar-rappreżentanti tal-Komunità Maltija fl-Awstralja li ġew Malta is-Sibt ta' qabel fuq l-ewwel titjira diretta mill-Awstralja wara l-ftehim li ntlaħaq bejn il-linja nazzjonali AirMalta u Singapore Airlines.**

F'diskors ta' l-okkażjoni l-Prim Ministru qal:— "Nixtieq infissrilkom il-ferħ kbir li nista' nagħtikom merħba lura f'art twelidkom. Min jaf kemm hemm Maltin li jixtiequ kellhom ix-xorti li bħalkom jerġgħu jżuru art twelidhom. Dan qed ngħidu għaliex naf fiċ-ċert li hija x-xewqa ta' kull Malti u Għawdxi li jerġgħu jaraw xi darba lill-għeżież tagħhom u lill-art twelidhom. Fl-imgħoddi dan ma tantx kien possibbli għal ħafna iżda issa bil-ħidma tal-AirMalta u bis-saħħa ta' Singapore Airlines kif ukoll bil-pjani li għandna għal quddiem issa sar aktar faċli li l-Maltin ikunu jistgħu jerġgħu jiġu jaraw l-għeżież tagħhom u lill-art twelidhom.

"Nixtieq naħtaf din l-okkażjoni kif qiegħed imdawwar mar-rappreżentanti tal-Komunità Maltija imferxa fl-Awstralja billi nirringrazzjakom għas-servizz ċiviku li qed tagħmlu ma' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin għaliex nifhem li dak li ħafna minnkom qed jagħmlu qed tagħmluh bi spirtu ċiviku, spontanjament, volontarjament u għaliex tridu tassew tkunu ta' servizz għal ħutna Maltin u Għawdxin fl-Awstralja u ta' dan wieħed għandu jkun rikonoxxenti u grat.

"Aħna min-naħa tagħna dejjem ħerqana li nibqgħu nżommu r-rabtiet bejn artna u bejnkom għalkemm imbegħdin minna. Dawn ir-rabtiet nixtiequ nżommuhom mhux biss fuq pjan uman għax intkom għadkom ħutna, forsi aktar għeżież għaliex imbegħdin, imma għaliex aħna nafu li tistgħu tkunu ħafna ta' ġid għal artna u għall-poplu tagħna kemm bil-preżenza tagħkom f'art kbira u anke bix-xogħol li tistgħu tagħmlu favur Malta f'dak li huwa fil-kamp kummerċjali u ekonomiku.

"Jiena naf li l-imħabba tagħkom lejn art twelidkom iġġiegħelkom li tinsew id-differenzi li jista' jkollna bejnietna u jien nappellalkom biex tinsew dawn id-differenzi u tiftakru biss li intom Maltin u Għawdxin u mhux ta' kulur jew kulur ieħor u f'dak kollu li tagħmlu ftakru li bejnietna nistgħu ma niftehmux imma quddiem il-barrani huwa importanti li qatt u fl-ebda mument u bl-ebda mod ma tbaxxu x-xbieha ta' Malta. Importanti li tagħmlu dan speċjalment f'dawn iż-żmenijiet fejn mhux kulħadd jifhem li d-differenzi li għandna f'pajjiżna ma nkunu qed nagħmlu xejn ħlief inkabbruhom u mhux innaqqsuhom jekk inxerrduhom barra minn pajjiżna. Billi noqogħdu nxewxu lil ħutna barra minn pajjiżna biex jieħdu atteġġjament favur jew kontra fuq kwistjonijiet lokali ma nkunux qed ngħinu lil Malta, ma nkunu bl-ebda mod qed nagħtu servizz lill-



Il-Prim Ministru flimkien mar-rappreżentanti tal-Komunità Maltija waqt il-laqgħa f'Kastilja.

poplu tagħna. Nkunu qegħdin inkabbru l-idea ħażina, sfortunatament, li l-barrani jista' jkollu ta' pajjiżna. Nixtieq li min-naħa tiegħi ngħidilkom ukoll li nispera li hekk kif kellna x-xorti li niltaqgħu hawn, ġemgħa hekk kbira u ferħana, nispera li jkollna x-xorti li niltaqgħu fl-art li issa saret it-tieni art tagħkom."

Matul din il-laqgħa ir-rappreżentanti tal-Komunità Maltija fl-Awstralja għamlu diversi suġġerimenti u ressqu diversi talbiet li jikkonċernaw direttament lill-emigranti Maltin fl-Awstralja u li jgħinu biex ikomplu jikbru r-rabtiet bejn Malta u l-Komunità Maltija fl-Awstralja.

Fost suġġetti oħra dawn ir-rappreżentanti iddiskutew mal-Prim Ministru ir-rappreżentanza tal-Gvern Malti fl-Awstralja, it-tagħlim tal-lingwa Maltija għat-tfal tal-emigranti Maltin, il-ħtieġa ta' programmi tat-television u tar-radju dwar Malta għall-istazzjonijiet etniċi, skambji kulturali bejn Malta u l-Komunità Maltija, u arranġamenti biex jiġi iffaċilitat aktar l-ivjaġġar bejn Malta u l-Awstralja.

**Bi tweġiba għal mistoqsija li saritlu l-Prim Ministru ikkonferma li l-Prim Ministru Awstraljan saritlu stedina biex iżur Malta. Huwa assigurahom ukoll li s-suġġerimenti u t-talbiet li ressqu se jingħataw l-attenzjoni kollha li tixirqilhom.**

Fl-aħħar tal-laqgħa is-Sur Victor Buttigieg, President tal-Kunsill tal-Komunità Maltija fi New South Wales għan-nom ta' dawk kollha preżenti irringrazzja lill-Prim Ministru għal din l-opportunità storika li l-Prim Ministru laqagħhom daqshekk fit-tul biex ikellmuh fuq dak kollu li xtaqu. Huwa tenna x-xewqa tal-komunitajiet kollha fl-Awstralja li ma jdumux ma jarawh fosthom u assigurah li jekk kemm-il darba jmur l-Awstralja jagħmlu l-ħila tagħhom kollha biex iż-żjara tiegħu tkun suċċess.

# Talba Kbira għal Passaġġi mill-Awstralja

L-AirMalta, il-World Aviation Services (WAS) u Singapore Airlines (SIA) diġà ftehmu li bejn Ġunju u Settembru ta' din is-sena ser jagħmlu disponibbli bejn 200 u 400 post żejjed fuq it-titjiriet bi skeda bejn l-Awstralja u Malta. Dan kellu jsir minħabba l-appoġġ li l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar u l-komunità Maltija qed jagħtu lill-programm ta' titjiriet diretti bejn l-Awstralja u Malta (via Singapore), bir-riżultat li t-titjiriet f'dawk l-erba' xhur huma diġà mibjugħa kollha.

L-AirMalta u l-WAS qegħdin jixtru u jbiegħu madwar 200 post fuq kull titjira diretta li s-SIA tagħmel bejn l-Awstralja u Malta, kull nhar ta' Ġimgħa. Il-WAS huma l-aġenti ta' l-AirMalta fl-Awstralja.

**Il-ftehim dwar il-postijiet żejda ntlaħaq miċ-Chairman ta' l-AirMalta, is-Sur Albert Mizzi, waqt żjara li huwa għamel f'Sydney. Huwa tkellem ma'l-aġenti ta' l-ivvjaġġar u membri tal-komunità Maltija fl-Awstralja, kif ukoll ma' ħaddiema tal-WAS u s-SIA li għandhom x'jaqsmu mal-bejgħ tat-titjiriet lejn Malta.**

## ĊENTRU FIL-MEDITERRAN

Is-Sur Mizzi emfasizza li kemm l-AirMalta kif ukoll il-WAS biħsiebhom jagħmlu minn Malta ċentru fil-Mediterran minn fejn l-Awstraljani — u mhux biss il-Maltin Awstraljani — ikunu jistgħu jkomplu l-vjaġġi tagħhom lejn destinazzjonijiet oħra ta' l-Ewropa. B'dan l-arranġament, l-Awstraljani li dejjem lesti biex jippruvaw destinazzjonijiet ġodda ser ikunu jistgħu jagħmlu waqfa qasira f'Malta mingħajr l-ebda ħlas żejjed.

Biex tintroduċi lill-Gżejjer Maltin, l-AirMalta għamlet arranġamenti biex il-passiġġieri Awstraljani kollha li jieqfu f'Malta u mbagħad jitilqu fuq servizzi ta' l-AirMalta jingħataw b'xejn akkomodazzjoni ta' żewġt iljieli u Continental Breakfast f'lukanda ta' l-Ewwel Klassi, kif ukoll trasport mill-ajruport għal-lukanda u lura. Ir-reservations fl-Awstralja għal titjiriet ta' l-AirMalta igħaddu lkoll minn idejn il-WAS, li għandha fergħat f'Sydney, Melbourne, Adelaide, Brisbane u Perth.

**Is-servizz ġdid ta' titjira diretta kull ġimgħa bejn l-Awstralja u Malta, via Singapore, kien il-qofol ta' l-isforzi li għamlu flimkien l-AirMalta, il-WAS u s-SIA biex jiżviluppaw it-traffiku, minn meta bdew l-ewwel titjiriet speċjali fis-sajf ta' l-1981.**

Minħabba li l-ajruplan tas-SIA minn Malta jibqa' sejjer Amsterdam, l-AirMalta qatgħetha li tuża l-Boeing 747 minflok l-ajruplani tagħha għat-titjiriet bejn Malta u l-Olanda, u b'hekk l-AirMalta tkun tista' tuża l-ajruplani tagħha għal titjiriet li mistennija jiżdiedu lejn u minn Franza.

Fi triqtu lejn l-Awstralja, is-Sur Mizzi għamel żjara ta' jumejn f'Singapore għal taħditiet maċ-Chairman tas-SIA Mr J.Y.M. Pillay, il-Managing Director Dr Cheong Choong Kong, id-Direttur Kummerċjali Mr Michael Tan u bosta uffiċċjali għolja oħra tas-SIA. Matul dawn it-taħditiet, fosthom ikla fil-boardroom tas-SIA, ġew diskussi mezzi kif jitkabbar is-servizz il-ġdid, bil-ħsieb li s-sena li ġejja jibdew isiru żewġ titjiriet fil-ġimgħa minflok waħda.

# MESSAĠĠ MILL-PRIM MINISTRU DR KARMENU MIFSUD BONNICI LILL-EMIGRANTI F'JUM IL-ĦELSIEN, 1985

"Għeżież ħuti Maltin,

Fil-Jum għażiż li fih qegħdin niċċelebraw il-Ħelsien ta' Art Twelidna, ħsiebi jmur minnufih fil-Maltin kollha, mhux biss li qegħdin qribna fil-Gżejjer tagħna, iżda fuq kollox fikhom li tinsabu 'l bogħod minna, f'artijiet 'l hinn minn xtutna għad li mhux imbegħdin minn qlubna.

Jiena ninsab ċert li intom ferħanin daqsna bil-ħelsien li ksibna b'tant sagrifiċċji u ħidma iebsa. Naf ukoll li l-istess kburija li nħossu aħna bil-kisbiet ta' Malta ħielsa tħossuha intom ukoll u tagħtu xiehda tagħha fl-artijiet barranin li qegħdin tgħixu fihom.

**F'din l-ewwel darba li qed insellmilkom f'dan il-Jum għażiż, ħsibijieti jmorru l-ewwel fuq dak li qabilna ħolom l-ħolma sabiħa tal-Ħelsien, li ħadem bla waqfien biex wettaqha fi żmienu, u li qanqal fil-poplu tagħna l-kuraġġ meħtieġ biex nieħdu f'idejna d-destin ta' pajjiżna minn kif dejjem kien f'idejn il-barrani. B'hekk il-poplu tagħna sar Nazzjon.**

Il-għan ewlieni tagħna hu li l-ħelsien li ksibna fil-31 ta' Marzu, 1979, insarrfuh f'ġid u riżq għall-Maltin kollha. Dan qed nagħmluh bil-ħeġġa meħtieġa minkejja t-tfixkil li nsibu min-naħat kollha li jixtiequlna d-deni u jridu jifirduna.

Illum inwegħidkom li se nibqgħu sħaħ kontra kull tentattiv li jsir biex jifridna. Fil-ħidma tagħna nixtiequ wkoll l-għajnuna tagħkom billi żżommu l-isem ta' Malta Ħielsa għoli u ġiehha bla mittiefsa fost il-barranin. Għax dak li nkiseb bil-ħidma għalenija tal-ħaddiema m'għandux jitħalla jitħarbat bit-tħabrik qarrieqi ta' min m'għandux għal qalbu l-ġid tal-ħaddiema Maltin.

**Irrid fl-aħħarnett insellmilkom mill-qalb u nħeġġiġkom tgħożżu l-wirt tal-31 ta' Marzu, 1979, u tgħadduh lill-uliedkom bħala l-egħżeż fost il-wirt storiku ta' Art Twelidna."**

---

# MESSAĠĠ MILL-MINISTRU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN, DR ALEX SCEBERRAS TRIGONA LILL-EMIGRANTI F'JUM IL-ĦELSIEN, 1985

"Għeżież ħuti msefrin,

Il-Jum li fih infakkru l-ħelsien ta' Malta reġa' magħna. Kien fil-31 ta' Marzu, 1979 li Malta saret tabilħaqq ħielsa u rajha f'idejha. Għaliex dak inhar il-barrani neħħa l-armamenti tiegħu minn fuq l-art Maltija.

Is-snin qed igerrbu ġmielhom iżda l-ħidma qawwija u s-sagrifiċċji kbar li saru mill-ħaddiema sabiex jinkiseb il-ħelsien ma jistgħux jintesew. Anzi ma' kull tifkira li nagħmlu ta' dan il-Jum glorjuż tissaħħaħ aktar ir-rieda tal-Maltin li jkomplu jaħdmu biex il-ġid miksub minnu jkompli jitkattar.

Fost ħwejjeġ oħra dan ir-riżq ifisser li titneħħa l-firda li l-egħdewwa ta' Malta jridu jiżirgħu bejn il-Maltin bit-tama li xi darba jerġgħu jniżżlu lill-Art Twelidna għarkubbtejha tittallab il-ħniena ta' sidien barranin.

**Missirijietna fl-imgħoddi tħabtu u ħabirku bosta drabi sabiex itejjbu l-qagħda msejkna ta' art twelidhom, iżda dejjem sabu qawwiet ħafna akbar minnhom ifixkluhom u jeqirdulhom il-ftit li kienu jiksbu. Tagħna kienet xorti akbar, għax dak li ħabrikna għalih ksibnieh u l-għan qaddis tagħna lħaqnieh. Fil-31 ta' Marzu, 1979, il-Maltin irnexxielhom jiksbu ħelsien li bħalu fil-Gżejjer Maltin qatt ma kienu raw.**

Qalbna mqawwija b'din ir-rebħa ġdida u vera, l-ebda għadu m'għandu jbeżżagħna. It-tmexxija ta' Art Twelidna tinsab f'idejna u mhux biss m'aħniex lesti nitilfuha, iżda mħejjijin nissoktaw inħabirku biex intejbuha u norqmuha.

Il-Ħelsien ma jintrebaħx darba u daqshekk. Irridu nibqgħu naħdmu għalih kuljum. Il-Ħelsien inżommuh billi nsaħħu l-għaqda bejnietna. Ngħassuh billi nħarsu l-ħbiberija bejn il-Maltin kollha, kemm dawk li jgħixu fil-Gżejjer tagħna kemm dawk li jgħammru 'l hinn minn xtuthom. Jum il-Ħelsien niċċelebrawh darba fis-sena. Il-Ħelsien insaħħuħ kuljum.

**Minnkom nistenna li tgħollu u xxandru l-isem tajjeb ta' Malta fost kulħadd. Dak li ksibna ksibnieh flimkien u flimkien irridu ngħożżuh u nsaħħuħ.**

B'dan il-ħsieb f'moħħna lkoll, inħossuna aktar imħejjijin biex niċċelebraw Jum il-Ħelsien, il-31 ta' Marzu."

# Ċertifikati lil Ħaddiema tal-Linja Nazzjonali – AirMalta

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u Dwana, is-Sur Wistin Abela, li huwa wkoll responsabbli mill-AirMalta, nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu ippreżenta ċertifikati lil erbatax-il ħaddiem tal-linja nazzjonali ta' l-ajru li temmew b'suċċess kors fis-Supervisory Management. Il-kors kien imniedi mill-AirMalta u tmexxa mill-Università ta' Malta.

Tlieta mill-ħaddiema għaddew mill-eżamijiet ta' l-aħħar b'Distinction, waqt li sitta oħra għaddew bi Credit. Is-Sur Carmel Falzon, Direttur tal-Kors, qal li għalkemm l-Università ġieli għamlet korsijiet oħra bħal dawn għal industriji oħra, dan ta' l-Airmalta kien l-ewwel kors fejn kien hemm min għadda b'Distinction.

Waqt li feraħ lill-ħaddiema kollha għas-suċċess li kisbu, il-Ministru Abela qal li l-Gvern huwa deċiż li ħadd m'għandu jsib diffikultà biex jistudja sa l-ogħla livell li jrid jew li jiflaħ jilħaq. Aktar ma azjenda jkollha nies kwalifikati. aktar ikollha moħħha mistrieħ li x-xogħol isir b'effiċjenza, u għalhekk isir aktar progress. L-importanti huwa li kull min itemm xi kors b'suċċess ma jibdiex iħoss li laħaq is-sema b'idejh, jew jistenna affarijiet li l-Kumpanija ma tistax ittihomlu.

Id-Deputat Prim Ministru temm igħid li qed issir ħidma kontinwa biex jiżdied it-turiżmu, u l-operazzjonijiet tal-Kumpanija Nazzjonali kellhom ta' bilfors jitpoġġew fil-kontest tal-kwadru ġenerali tas-settur turistiku Malti, fl-aħjar interess ta' l-ekonomija Maltija.

Għall-preżentazzjoni taċ-ċertifikati kien hemm ukoll iċ-Chairman ta' l-AirMalta, is-Sur Albert Mizzi, il-Managing Director, is-Sur Edmond Micallef, u l-General Manager Administration is-Sur Louis Grech. Mill-Università attendew is-Sur Charles Galea li kien Chairman tal-Fakultà tal-Management Studies u d-Direttur tal-Kors, is-Sur Carmel Falzon.



**Id-Deputat Prim Ministru is-Sur Wistin Abela waqt il-preżentazzjoni taċ-ċertifikati.**



**Il-ħaddiema tal-Linja Nazzjonali li temmew b'suċċess il-kors.**

# IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA

## Ippjanar aħjar u riorganizzazzjoni ġenerali

**Il-Ministru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu Dr Philip Muscat meta kien qed iressaq għall-approvazzjoni tal-Parlament l-Estmi Finanzjarji tal-Korporazzjoni Telemalta għas-sena 1984/85, wera kif b'riżultat ta' ippjanar aħjar u riorganizzazzjoni ġenerali it-Telemalta sejra tagħmel 'savings' globali ta' Lm182,776 filwaqt li tkompli tagħti servizz tajjeb lin-nazzjon.**

Fid-diskors tiegħu l-Ministru Muscat irrefera għal kull taqsima tal-Korporazzjoni Telemalta fejn wera l-progress li din tkun wettqet paragunat ma dak tas-sena ta' qabel.

Il-Ministru Muscat qal li saret aktar attenzjoni sabiex jonqsu l-abbużi, partikularment fis-sezzjoni tat-telephones.

### ŻIEDA FIL-PROFITTI

**Il-Ministru wera kif ġiet reġistrata żjieda fil-profitti għaliex filwaqt li s-sena ta' qabel kien hemm profitti ta' Lm492,374, din is-sena dan il-profitt żdied għal Lm720,000.**

Meta wieħed jgħodd kollox ma kollox isib li l-qligħ nett tat-Telemalta għas-sena 1983/84 kien ta' Lm1,570,000 paragunat mal-Lm485,319 tas-sena 1982/83. Il-qligħ għas-sena 1984/85 mistenni jkun ta' Lm1,490,000.

## TELEPHONES

**Il-Ministru Muscat qal li filwaqt li f'Mejju 1971 in-numru ta' telephones fid-djar kien ta' 20,396, sa Diċembru 1984 dan kien ilaħħaq 84,000.**

L-investiment fis-sistema tat-telephones f'Malta fl-1960 kien ta' Lm2 miljuni biss. Preżentament illum huwa ta' Lm22 miljun.

F'Għawdex, fl-1960 l-investiment kien ta' Lm90,000. Illum qiegħed Lm900,000.

### TELEPHONES FID-DJAR

**Sadanittant it-twaħħil tat-telephones fid-djar is-sena ta' qabel kien record. Twaħħlu aktar minn 12,000 telephone u issa l-Gvern jista' jiftaħar li 35 minn kull 100 familja f'Malta u Għawdex għandhom it-telephone id-dar.**

**Madankollu, d-domanda għat-telephones dejjem tikber.**

### 20,000 LINJA

Hawnhekk il-Ministru Muscat irrefera għan-negozjati sabiex il-Gvern jixtri 20,000 linja oħra għas-sentejn li ġejjin, li dawn għalihom Telemalta se toħroġ madwar Lm2.25 miljun Il-Ministru tkellem ukoll dwar il-kwistjoni ma' ditta Franċiża dwar sistema difettuża ta' telephones li din stallat f'Malta u li kienet kawża ta' ħafna lmenti mill-pubbliku

Fuq dik li hija policy rigward stallazzjoni ta' telephones il-Ministru qal li t-telephones jingħataw bi proċedura. Naturalment wieħed jibda jagħmel paraguni bejn settur jew parti ta' Malta u oħra, però dan jiddependi min-numru ta' linji li jkun hemm fuq l-'exchanges' u li l-Gvern biż-żmien dan sejjer jikkorreġih.

### PUBLIC BOOTHS

Telemalta llum il-ġurnata għandha wkoll numru sostanzjali ta' 'public booths' għal kumdità tal-pubbliku. Dan huwa servizz li l-poplu għandu japprezza u li naturalment huwa ta' min jikkundanna lil dawk in-nies irresponsabbli li jagħmlu l-vandaliżmu fuq dawn il-'booths' għall-ebda raġuni ta' xejn.

**It-twaħħil tat-telephones fid-djar kien rekord. Fis-sena 1983/84 twaħħlu aktar minn 12,000 telephone u issa l-Gvern jista' jiftaħar li 35 minn kull 100 familja f'Malta u Għawdex għandha t-telephone f'darha.**

ĦIDMA TAL-GVERN FIL-QASAM AGRIKOLU

# Aktar Għotjiet ta' Flus lil Produtturi tal-Majjal

**Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Marzu l-Ministru tal-Biedja u Sajd, is-Sur Joe Debono Grech ippreżenta Lm110,000 f'għajnuna lil 34 Produtturi tal-Majjal. Din il-preżentazzjoni saret fl-M.M.U. l-Ħamrun.**

F'diskors li għamel il-Ministru Debono Grech qal li din is-somma li qed tingħata, flimkien mas-somma li tqassmet lill-produtturi Għawdxin, hija parti minn somma globali ta' Lm400,000 li ingħataw f'għajnuna mill-marda tal-majjali 'l hawn.

**Il-Ministru faħħar l-isforzi li qed jagħmlu l-produtturi għax, bix-xogħol tagħhom u bl-għajnuna tal-Gvern, l-industrija tal-majjal reġgħet twaqqfet fuq saqajha wara li bdiet mix-xejn.**

Il-Ministru Debono Grech sostna li s-serjetà li nħolqot f'dan il-qasam għandha tkun ta' eżempju għal industriji oħra fil-qasam agrikolu u saħaq li din is-serjetà għandha tkompli biex nevitaw mard li jekk jidħol jerġa' jkisser l-industrija tal-majjal.

**Il-mard jinżamm 'il bogħod minn dawn il-gżejjer jekk kemm-il darba l-irziezet jinżammu indaf u attrezzati. Il-Ministru sostna li dawn l-għotjiet għandhom jgħinu biex dan iseħħ.**

Il-Ministru kompla jgħid li fil-biċċerija wkoll żdiedet is-serjetà u se tkompli tikber meta din tilħaq il-livell tal-Komunità Ekonomika Ewropea. Fil-fatt, kompla l-Ministru, is-sistema fil-Biċċerija se tiġi modifikata għal aktar effiċjenza u ndafa.

Il-Ministru Debono Grech qal li se tinxtara grading machine u l-qatla u l-ħruġ tal-laħam se jibda jsir fil-preżenza ta' rappreżentanti tal-produtturi. Il-Ministru kompla jgħid li t-tqassim tal-laħam għall-ħwienet se jiġi modellat fuq dak tat-tqassim tal-ħalib. Dan ifisser, kompla jgħid il-Ministru, li Malta se tinqasam f''areas' u meta jsiru inspections fil-ħwienet ħadd ma jkollu skużi minn fejn ikun xtara l-laħam.

**Dan, sostna l-Ministru, se jibda jseħħ fil-ġejjieni qarib biex il-Gvern ikun żgur li l-laħam li jasal għand il-konsumatur ikun dak li ħareġ mill-biċċerija taħt is-sorveljanza tal-veterinarji.**

Il-Ministru saħaq fuq il-ħtieġa tal-kwota għall-ġid tal-produtturi stess għax jekk il-produzzjoni tal-majjal tkun ogħla mid-domanda fis-suq, huma l-istess produtturi li se jbatu meta ma jsibux bejgħ għal-laħam li jipproduċu.

## L-INDUSTRIJA TAL-MAJJALI FUQ LINJI MODERNI

**L-industrija tal-majjali kienet twaqqfet mill-ġdid wara l-marda ta' l-African Swine Fever ta' l-1978.**

**Ir-razzett modern li l-Gvern b'tant għaqal kien bena ġewwa Kemmuna serva biex jagħti bidu għat-trobbija mill-ġdid tal-majjali f'Malta u Għawdex — fuq linji totalment moderni. Produtturi Maltin u Għawdxin ġew inkoraġġiti jippartecipaw f'din l-industrija permezz ta' għajnuna kemm finanzjarja kif ukoll teknika.**



# IL-ĠLIEDA GĦALL-ĦELSIEN



## DOMINION STATUS

Fil-Partit Nazzjonalista sar ukoll tibdil fit-tmexxija ftit wara li l-partit beda jmexxi gvern ta' koalizzjoni fl-1950. Wara l-mewt ta' Nerik Mizzi aktar tard, fl-1950 George Borg Olivier ħa t-tmexxija tal-Partit. It-talba tal-Partit Nazzjonalista issa kienet li Malta tingħata d-**Dominion Status.** L-ideja ta' **Dominion Status** kienet evolviet fl-Imperu Ingliż mal-milja tas-snin. Xi kolonji taħt il-kappa tal-Kuruna Ingliża rnexxilhom, l-ewwel jiksbu awtonomija fl-affarijiet interni tal-pajjiz, imbagħad bil-mod il-mod bdew jieħdu r-riedni ta' l-affarijiet esterni f'idejhom ukoll. Dawn il-kolonji bdew jissejħu dominji **(dominions)** u kull darba kien ikollhom, f'xi konferenza imperjali li kienet issir, iġeddu t-talbiet tagħhom għal aktar libertajiet. L-ideja ta' **Dominion Status** kienet tfisser b'mod ġenerali, li tikseb aktar drittijiet mal-mixja tas-snin — jiġifieri bla ma ssir dikjarazzjoni ta' indipendenza, tikseb drittijiet kemm ikollok ħila. Fis-snin ħamsin dan kien ifisser għal Malta l-bidu ta' mixja twila, kif ġara fil-każ tal-Kanada u l-Awstralja, biex fl-aħħar Malta tkun tista' tmexxi hi.

## INTEGRATION

L-għajta ta' Mintoff, li rebaħ l-elezzjoni ta' l-1955, kienet għal **Integration** ma' l-Ingilterra jew inkella **self-determination.** Għal Mintoff il-problema nazzjonali ma setgħetx titqies jekk mhux flimkien mal-problemi ekonomiċi u soċjali. Bl-**Integration,** filwaqt li Malta kienet se tmexxi l-affarijiet interni hi, fl-affarijiet esterni l-Ingilterra kienet taqsam it-tmexxija mal-Maltin. Ta' dan, l-Ingliżi kellhom jagħtu lill-Maltin livell ta' għixien bħal dak ta' l-Ingliżi. Biex l-affarijiet ta' Malta ma jiġux deċiżi mingħajr ma l-Maltin ikunu jafu, tliet rappreżentanti Maltin kellhom ikunu eletti għall-**House of Commons** Ingliża. L-ideja ta' l-**Integration** ma niżlitx lill-awtoritajiet ekklesjastiċi. Dawn kienu għadhom bl-idejat ta' żmien Strickland, li taħlit politiku u soċjali ma' l-Ingliżi kien se jgerrex lill-fidili mir-reliġjon Kattolika.

Barra minn hekk, minkejja li f'referendum dwar l-**Integration** 70% ivvutaw favur, kien hemm sinjali ċari li l-Ingliżi ma kinux bi ħsiebhom jittrattaw ma' Malta bħala ugwali. Fil-kriżi tas-Suez (1956), il-Gvern Ingliż qabeż lill-Prim Ministru Malti u xandar direttiva minn fuq ir-**Rediffusion** biex l-għawwiema u s-sajjieda jitilgħu l-art għax Malta setgħet tintuża f'emerġenza biex jiġu evakwati s-suldati Ingliżi miż-żona tal-Kanal tas-Suez. Il-Prim Ministru Mintoff ordna li ssir xandira biex titħassar l-ordni ta' l-Ingliżi. Il-management tar-**Rediffusion** ried jobdi lill-Kuruna u ċaħad l-ordni tal-Prim Ministru. Biex tagħqad, fl-1957 ġiet ippubblikata l-**UK Defence White Paper** li ħabbret tnaqqis kbir ta' l-impjiegi Maltin minn mas-servizzi u t-tarzna. Il-Gvern Ingliż ma deherlux li kellu jidħol responsabbli tad-diżastru li dan kien se jfisser għall-ekonomija u għal ħafna familji Maltin. Kien lest forsi jagħti l-istess drittijiet kostituzzjonali lill-Maltin bħal ma kellhom l-Ingliżi, iżda mhux l-istess għixien.

## INDIPENDENZA

La darba b'**Integration** l-Ingliżi kienu qed jifhmu li se jibqgħu jagħmlu li jridu, Mintoff qatagħha li Malta kien fadlilha triq waħda biss: l-**Indipendenza.** Wara li tikseb l-Indipendenza, Malta tkun tista' tagħmel liema kundizzjonijiet riedet biex l-Ingliżi jużaw il-faċilitajiet militari ta' pajjiżna. Din kienet l-ewwel għajta Maltija għall-Indipendenza.

Fil-Parlament Malti l-Gvern ressaq mozzjoni fit-30 ta' Diċembru, 1957, li kienet sekondata mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni, George Borg Olivier, u li kienet tgħid li r-rappreżentanti tal-poplu ma kinux marbuta bl-ebda mod, u ma kellhom ebda obbligu lejn il-Gvern Ingliż. Ir-rappreżentanti Maltin riedu garanzija li l-ebda ħaddiem ma jitlef xogħlu jekk ma jingħatax xogħol alternattiv.

Fis-6 ta' April, 1958, Mintoff kompla r-reżistenza kontra l-Ingliżi u bl-ideja ta' l-indipendenza f'moħħu qal li l-proposti li kienu qed joffru l-Ingliżi għall-**Integration** kienu impossibbli u minn dak in-nhar 'il quddiem l-Ingilterra ma kinitx se titħalla tittratta lil Malta kif trid hi u jkollha tagħtiha dak li riedet. Il-protesta kontra dan laħqet il-quċċata tagħha bir-riżenja tal-Gvern Laburista fl-24 ta' April, 1958.

## IL-ĠLIEDA MIT-TOROQ

Il-protesta tal-Gvern Malti komplewha folol ta' Maltin fit-toroq. Meta d-dimostranti ġew attakkati mill-pulizija u l-kavallerija, Mintoff, li baqa' jmexxi "caretaker government", ordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex iwaqqaf l-attakki fuq il-folol minnufih. Il-Kummissarju, iżda, għażel li jisma' mill-Gvernatur Ingliż, li qallu biex ma jagħtix każ tal-ministru



**Nhar it-28 ta' April 1958, l-Ingliżi ħarġu l-commandos biex isaħħu l-pulizija u l-kavallerija.**

tiegħu. Mintoff keċċa lill-Kummissarju, iżda l-Gvernatur ma aċċettax u ħa l-pulizija f'idejh. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Gvern Laburista iddikjara li ma setax jagħti garanzija taż-żamma ta' l-ordni fil-pajjiż u l-Gvernatur xolja l-Parlament u ddikjara stat ta' emerġenza.

F'meeting organizzat mill-G.W.U. għaddiet riżoluzzjoni li jsir strajk ġenerali ta' protesta fit-28 ta' April, 1958. F'jum l-istrajk, folol ta' ħaddiema niżlu fit-toroq igħajtu għall-indipendenza u fis-saħna ħarqu xi vetturi tas-servizzi u għases tal-pulizija. L-Ingliżi ħarġu l-commandos biex isaħħu l-pulizija u l-kavallerija u bosta Maltin, ħafna minnhom żgħażagħ, indarbu u ġew mixħuta l-ħabs. Il-ħabs ġew mixħuta diversi uffiċjali tal-Partit tal-Haddiema u tal-General Workers' Union u saħansitra l-Ministri Laburisti Agatha Barbara u Bertu Hyzler.

Il-poplu Malti għadab kontra l-atteġġjament tal-Gvern Ingliż. L-Oppożizzjoni, għalkemm ma ħarġitx fi protesta fil-beraħ, kienet ingħaqdet mal-Gvern f'riżoluzzjoni kontra t-tkeċċija mix-xogħol ta' għadd ta' ħaddiema mit-tarzna u minn mas-servizzi. Il-Moviment tal-Haddiema nduna li l-ġlieda għall-ħelsien ma kinitx għadha possibbli mill-Parlament. Il-kostituzzjoni kienet tagħti s-saħħa lill-Gvernatur. Il-Moviment tal-Haddiema ried jiġġieled mill-pjazez u beda jgħid lill-Ingliżi jitilqu lejn darhom.

## PROGRAMMI POLITIĊI

Bir-riżenja tal-Gvern Laburista, l-attenzjoni tal-politikanti Maltin reġgħet inxteħtet fuq l-elezzjonijiet u l-kostituzzjoni li kienet tixraq lil Malta. Għal dan il-għan il-mexxejja politiċi Maltin ġew mistiedna jitilgħu Londra. Mid-diskussjonijiet li saru jidher ċar x'kienu l-idejat tal-partiti Maltin u liema idejat kienu se jiċċentraw fis-snin ta' wara.

Mabel Strickland, li ġiet deskritta miż-żewġ partiti l-oħra bħala l-mexxej tal-partit fantażma, riedet tkompli tankra lil Malta ma' l-Imperu Ingliż. Hija qalet li t-triq ta' Malta kellha tkun dik li filwaqt li tikseb xi libertajiet u ssir l-Istat Irjali ta' Malta **(The Regal State of Malta)** fl-istess ħin Malta tibqa' assoċjata mal-Gran Brittanja permezz tal-**House of Lords.** Id-difiża ta' Malta kellha tkun f'idejn l-Ingliżi, li kien ikollhom is-setgħa wkoll li jmexxu r-relazzjonijiet ta' Malta ma' pajjiżi oħra barranin.

In-Nutar George Borg Olivier, il-mexxej tal-Partit Nazzjonalista, qal meta kien Londra li ma kellux mandat biex jiddiskuti xi forma ta' kostituzzjoni temporanja **(interim)** mingħajr ma jkollu garanzija ta' x'kienet se tkun il-pożizzjoni ta' Malta fil-Commonwealth. Fi kliem ieħor, Borg Olivier ried li l-ideja ta' **Dominion Status** tieħu xi sura, liema deskrizzjoni stennieha mill-Ingilterra.

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Stampat fl-Istamperija tal-Gvern